**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;**

**Rikors nru: 290/2020 AGV;**

**AB**

**U**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB u CB** datat 2 ta' Settembru 2020, fejn esponew bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis- 17 ta' Mejju 2008 fil-Kappella tal-Mensija, San Gwann u z-zwieg taghhom gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, b' certifkat numru; 525/2008 u dan kif jidher minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat, FIA 1.
2. Illi minn daz-zwieg twieled iben ossija D, li llum ghandu tmien snin.
3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti ma baqghetx izjed possibbli minhabba ragunijiet fil-ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali

bejniethom u konsegwentament ir-rikorrenti ressqu ghal seperazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Frar 2017, fl-atti tan-nutar Dr. Adriana Vella, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkat Dok. FIA 2 u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet opportun datat 21 ta' Novembru 2016;

4. Illi ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li t-talba kongunta odjerna ma ghandux jkollha ebda effett/ impatt fuq il-validita' jew l-applikazzjoni tal-obbligi u l-klawsola naxxenti mill-istess kuntratt ta' separazzjoni msemmi;
5. Illi m' hemm ebda kwistjoni ta' manteniment jew arretrati dovuti f' dal-istadju stante li l-kundizzjonijiet hekk elenkati fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, kollha ghadhom jigu rispettati b' dan li l-komparenti ragel qieghed in regola ukoll kwantu ghall-awment relattiv ghall-istess manteniment dovut;
6. Illi r-rikorrenti ilhom seperati de facto ghal iktar minn 4 snin ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentament m' hemm l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
7. Illi r-rikorrenti mara ai termini tal-artikoli 62 (1) tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, taghzel li tirceverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' E b' dana illi hemm qbil bejn ir-rikorrenti li ghandha issir l-applikazzjoni mehtiega sabiex kunjom il-minuri jkun dak ta' BE;
8. Illi dal-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall- ksib tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu umilment lil dina Onorabbli Qorti;

a. Tippronunzja il-hall taz-zwieg tar-rikorrenti

b. Tawtorizza lir-rikorrenti mara tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' Camilleri.
c. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra id-divorzju tal-partijiet fir-registru pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa' it-tieni talba u ghalhekk tawtorizza lir-rikorrenti mara tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' E.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**